MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 742/2004

**Telepage Limited**

**vs**

**Janet Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm48.30) bilanc minn somma akbar dovuta ghal servizzi ta' paging rezi mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tal-konvenuta;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Dicembru, 2002, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u ma pprezentatx risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacemntement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm48.30) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-5 ta' Mejju, 2004, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------